ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 2

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2022

ID-DISA' SENA IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba) IL-ĦIN: Sagħtejn

L-Isem: _____ Il-Klassi: _____

Għall-istudent/a:

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **L-ortografija, il-punteġġjatura, is-sintassi, l-ideat u l-preżentazzjoni tajbin jgħinuk tikseb riżultati aħjar.**

Għall-għalliema:

Il-MARKI	**It-Taħdit**	**10**	
	Il-Fehim mis-Smigħ	**10**	
	Il-Qari u l-Kitba	**80**	
	IT-TOTAL	**100**	

Taqsima	**1A**	**1B**	**1Ċ**	**1D**	**1E**	**2A**	**2B**	**2Ċ**	**TOTAL**
Marka	**10**	**4**	**8**	**8**	**20**	**10**	**10**	**10**	**80**
Marka tal-Istudent/a									

Kummenti:

_____

_____

_____

_____

L-EWWEL TAQSIMA: IL-LINGWA (50 MARKA)

Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.

Melchiorre Gafà

Bil-wasla tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann fl-1530, Malta sabet postha fil-mappa storika tal-Ewropa. Il-wasla tal-Ordni ġabet magħha żviluppi qawwija fl-ekonomija, fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi barranin u fil-kultura.

Madankollu kellhom jgħaddu aktar minn mitt sena biex f'Malta jitwieled l-ewwel ġenju artistiku tagħha. Melchiorre Gafà twieled f'familja ta' artisti fil-Birgu fl-1635. Missieru, Marku, kien skultur u ħuh Lorenzo arkitett.

Meta kiber Melchiorre żviluppa t-talent artistiku personali li kellu u dan tah il-possibbiltà li jkollu kuntatti ma' persuni importanti li kienu f'pajjiżna dik il-ħabta fosthom l-Inkwiżitur Fabio Chigi. Meta Fabio Chigi sar Papa fl-1658 bl-isem ta' Alessandru VII, stieden lil Melchiorre jkompli jistudja l-Arti f'Ruma. Hu kien jaf li Melchiorre seta' jimxi 'l quddiem fil-qasam artistiku u xtaq jgħinu biex ikun jista' javvanza fl-istudji tiegħu. F'Ruma hu ltaqa' ma' Ercole Ferrata u għall-bidu ħadem flimkien miegħu. Madankollu bilkemm laħqet għaddiet sena li ma bediex joħloq l-ewwel xogħlijiet tiegħu. Dawn kienu jinkludu fost l-oħrajn l-artal ta' Santa Maria f'Campitelli f'Ruma li baqa' meqjus bħala l-kapolavur tiegħu u l-istatwa ta' San Pawl li nsibu fil-knisja parrokkjali ddedikata lilu fil-Belt Valletta. Din kienet ordnata min-Nobbli Testaferrata u swiet 300 skud.

F'Ruma Melchiorre Gafà akkwista fama kbira u x-xogħlijiet tiegħu bdew joħorġu barra l-Italja. Barra minn dan, maż-żmien, l-istil tiegħu tant inxtered u ntgħoġob li beda jaffettwa lill-iskulturi li ġew warajh. Minħabba li Gafà kellu d-drawwa li jiffirma x-xogħlijiet tiegħu, xi ħaġa li ma tantx kienet komuni dak iż-żmien, illum nafu eżatt liema huma x-xogħlijiet tiegħu.

F'Malta, barra l-istatwa ta' San Pawl għandna wkoll l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju fil-knisja tad-Dumnikani tar-Rabat. Ta' min jgħid li l-akbar kummissjoni li ngħata f'pajjiżna rċeviha m'għand il-Kavallieri li kkummissjonawh biex jagħmel l-istatwa ta' San Ġwann jgħammed lil Kristu, li kellha titpoġġa fuq l-artal prinċipali fil-Knisja ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. Madankollu dan ma kellux iseħħ għax Gafà miet u x-xogħol kellu jkomplih l-għalliem tiegħu Ercole Ferrata.

Melchiorre Gafà miet f'ċirkostanzi misterjużi, aktarx waqt li kien qed jaħdem. Kellu biss 32 sena, madankollu, għalkemm ħadem għal ftit żmien, irnexxielu jitqies bħala wieħed mill-aqwa skulturi li qatt rat Malta.

(Addattament minn artiklu ta' Emmanuel Micallef li deher f'*Sagħtar* għadd 304)

1A. Fehim it-Test

10 marki

Wieġeb il-mistoqsijiet fuq li għadek kemm qrajt.

1. Semmi żewġ oqsma li raw żvilupp qawwi mal-wasla tal-Ordni f' Malta.

_____

_____ (2 marki)

2. Għalfejn ngħidu li Melchiorre Gafà twieled f'familja ta' artisti?

_____ (marka)

3. X'mar jagħmel Ruma Melchiorre Gafà?

_____ (marka)

4. Ma' min ħadem l-ewwel xogħlijiet artistiċi ġewwa Ruma?

_____ (marka)

5. Għalfejn taħseb li x-xogħlijiet ta' Gafà bdew joħorġu barra l-Italja?

_____ (marka)

6. Xi drawwa kellu Melchiorre Gafà meta jlesti x-xogħlijiet tiegħu?

_____ (marka)

7. Semmi żewġ xogħlijiet ta' Gafà li nsibu f'pajjiżna.

i. _____ (marka)

ii. _____ (marka)

8. Għalfejn Gafà ma lestiex il-biċċa xogħol li kienu ordnawlu l-Kavallieri għall-knisja ta' San Ġwann?

_____ (marka)

1B. Għarfien il-Lingwa

4 marki

1. Fisser dawn il-frażijiet skont kif użati fis-silta:

   i. "akkwista fama kbira":

   _____ (marka)

   ii. "f'ċirkostanzi misterjużi":

   _____ (marka)

2. Mis-silta sib il-kelma li tfisser:

   i. użanza: _____ (marka)

   ii. persuna li tonqox fil-ġebel, fl-irħam jew fl-injam biex tagħmel xi xogħol artistiku: _____ (marka)

1Ċ. Il-Grammatika

8 marki

Aqra din is-silta.

Kważi seba' miljun persuna li jgħixu f'Texas intalbu jgħallu l-ilma tal-vit qabel jikkunsmawh wara li maltempata qawwija qatgħet id-dawl fil-faċilitajiet fejn jiġi trattat l-ilma. Il-maltemp li ħakem in-nofsinhar tal-Istati Uniti ħalla 24 persuna mejta u miljuni mingħajr elettriku. Il-maltemp qawwi mhux jaħkem biss l-Istati Uniti. (par.1)

Ġerusalemm sebħet f'dehra rari, bit-tfal igaraw blalen tas-silġ lil hawn u lil hemm barra l-entratura għall-Belt l-Antika. Dan wara maltempata qawwija li matulha s-silġ dam nieżel għal madwar 3 sigħat. "Tgħaddix minn hawn" kienet tgħid it-tabella li twaħħlet fil-bidu tat-triq ewlenija li tagħti għal Ġerusalemm u li ngħalqet minħabba l-periklu. It-toroq traffikużi ta' Hebron u Ramallah kienu battala ħlief għal xi 3 karozzi li kienu qed jivvjaġġaw fiċ-ċpar u f'toroq miksija bis-silġ. (par.2)

(addattata minn *Maltempata qawwija f'Texas taqta' d-dawl fejn jiġi trattat l-ilma*, meħuda mis-sit elettroniku TVM tat-18 ta' Frar 2021)

Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.

1. Mit-tieni paragrafu, sib frażi li turi n-negattiv u iktibha. _____

   _____

2. "bdew igaraw blalen tas-silġ lil hawn" ☐ 'l

   Kif tinkiteb il-partiċella **lil** imqassra? ☐ l'

   (Immarka l-kaxxa t-tajba.) ☐ 'l-

3. Ikteb in-numru fi kliem.

   "Ħalla 24 persuna mejta". _____

4. Kif se jinkiteb in-numru tlieta f' din is-sentenza?

   "ħlief xi (tlitt, tliet, tlett) karozzi...." _____

5 Ta' liema forma huwa l-verb "ngħalqet"? ☐ Is-7 Forma

   (Immarka l-kaxxa t-tajba.) ☐ L-10 Forma

6. Mill-ewwel paragrafu, sib verb tal-ewwel forma. _____

7. Liema minn dawn huwa eżempju ta' partiċipju passiv?

   miksija – jipprattikaw - maltemp _____

8. Liema huwa l-partiċipju attiv f'din il-frażi?

   "Is-silġ dam nieżel madwar tliet sigħat". _____

1D. Il-Kitba Komunikattiva

8 marki

IL-KITBA TA' REKLAM

Agħżel WIEĦED minn (i) jew (ii) u ikteb fil-linji pprovduti.

i. Għadu kemm ħareġ ktieb dwar il-lingwa Maltija u li jgħin ħafna lill-istudenti li qed jstudjaw il-Malti. Ikteb reklam ta' bejn 60 u 80 kelma biex tħeġġeġ lill-istudenti jixtru dan il-ktieb.

JEW

ii. Kumpanija rinomata għadha kif introdućiet fis-suq ħadida tal-mogħdija li tgħaddi l-ħwejjeġ b'mod awtomatiku. Ikteb reklam ta' bejn 60 u 80 kelma biex tikkonvinći lin-nies kemm din il-ħadida hija neċessarja u tiffrankalek ħafna telf ta' ħin.

Ikteb x'għażilt: ___

1E. Il-Komponiment

___
20 marka

Ikteb madwar 250 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti fuq il-linji pprovduti. Il-mistoqsijiet fil-parentesi jistgħu jgħinuk.

1. F'salt wieħed smajt 'l ommi tgħajjatli biex inqum. Indunajt li kienet ħolma. **Irrakkonta** storja li tispiċċa b'dawn is-sentenzi.
   (Fejn ġrat il-ġrajja? Ma' min kont? Kif ħassejtek? Xi xtaqt dak il-ħin?)

2. Ingħatajt l-opportunità li flimkien ma' ħabib/a tiegħek iżżur xi mużew partikolari. **Iddeskrivi** x'rajt f'dan il-mużew u ikteb dwar l-affarijiet li laqtuk.
   (Meta mort u min ħajrek tmur? Xi kwalità ta' mużew kien u fejn kien? X'kienu l-esebiti? Kemm domt iddur il-mużew?)

3. Taħseb li l-Maltin verament iħobbu lil pajjiżhom? **Iddiskuti**.
   (Għandna rispett lejn dak li jagħmilna Maltin bħall-innu tagħna, il-bandiera u l-ilsien tagħna? Għandna sens ta' patrijottiżmu meta nieħdu sehem f'xi avveniment kulturali jew sportiv? Kemm napprezzaw l-ambjent naturali? Qed nibżgħu għal pajjiżna jew inħammġu bl-addoċċ?)

Ikteb x'għażilt: ___

IT-TIENI TAQSIMA: IL-LETTERATURA (30 MARKA)

2A. Ir-Referenza għall-Kuntest (Poeżija)

10 marki

Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija bl-isem ta' *Waħdi* ta' Dun Karm u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.

Ftakart fik, ja dar hienja u sabiħa, 33
Dar mimlija bl-imħabba u bil-ġid
Dar missieri, dar ommi, dar ħuti.
Dar il-ħidma tal-moħħ u tal-id.

Omm!..... xi ħlewwa, xi tjieba ta' isem! 37
Omm, il-kelma ta' faraġ fil-hemm,
Omm, il-kelma tal-ħniena fil-ħtija,
Omm, il-kelma li trażżan id-demm.

Ħassejt demgħa titgerbeb fuq wiċċi, 41
Demgħa taħraq daqs xrara tan-nar!
Bla magħruf dak il-hena minn fuqi
Bħala nefħa ta' riħ għadda u mar.

Mistoqsijiet:

1. Dun Karm jiddeskrivi d-dar li kien jgħix fiha ma' familtu. Ikteb il-vers li juri li din id-dar ma kien jonqosha xejn.

   _____ (marka)

2. F'dawn l-istrofi Dun Karm jinħass nostalġiku. Liema taħseb kienet l-aqwa u l-egħżez memorja għalih?

   _____ (marka)

3. X’taħseb li ried ifisser Dun Karm meta qal “Omm, il-kelma ta’ faraġ fil-hemm”?

_____

_____(2 marki)

4. Għalfejn taħseb li Dun Karm qabżitlu demgħa u f’daqqa waħda tilef il-pjaċir kollu li kienu qed inisslu fih it-tifkiriet?

_____(marka)

5. Immarka **żewġ** tifkiriet li jsemmi Dun Karm fil-bidu tal-poeżija.

☐ Jiftakar fl-ambjent tal-kampanja. ☐ Jiftakar fi sħabu tal-iskola.

☐ Jiftakar fin-nanniet. ☐ Jiftakar fil-ħarġiet barra r-raħal.

(2 marki)

6. X’tissejjaħ il-figura tad-diskors li qed juża Dun Karm f’vers 33?

(Immarka t-tajba)

☐ similitudni

☐ metafora

☐ apostrofi

(marka)

7. Fl-aħħar strofa Dun Karm jgħid li xerred “demgħa taħraq daqs xrara tan-nar”. Din insejħulha_____.

Permezz ta’ din il-figura tad-diskors hu ried juri _____

_____ . (2 marki)

2B. Il-Poeżija minn *Nadriet 3*

___
10 marki

Agħżel WIEĦED minn (i) jew (ii) u wieġeb f'madwar 100 u 120 kelma fil-linji pprovduti.

i. Il-ħajja taf tkun iebsa u mimlija diffikultajiet. Dan narawh fil-poeżija *Waħdi* ta' Ružar Briffa. X'kienet l-akbar diffikultà li sab il-poeta fi tfulitu u x'kienet l-unika konsolazzjoni tiegħu matul dak iż-żmien?

JEW

ii. Il-bniedem xi drabi ma jagħtix kas dak li hu veru importanti u jintilef fuq affarijiet sekondarji. X'turina l-poeżija *Pitirross* ta' Victor Fenech dwar dan?

Ikteb x'għażilt: ___

2Ċ. In-Novelli minn *Stejjer għal Qabel Jidlam*

10 marki

Agħżel WIEĦED minn (i) jew (ii) u wieġeb f'madwar 100 u 120 kelma fil-linji pprovduti.

i. Fin-novelli tiegħu Oliver Friggieri jippreżentalna karattri li huma differenti mill-bqija tas-soċjetà minħabba l-azzjonijiet tagħhom. Uri kemm dan huwa minnu billi tirreferi għal **żewġ** novelli.

JEW

ii. It-tema tal-familja u l-problemi li xi drabi jinqalgħu fi ħdanha narawha f'diversi novelli. Ikteb dwar dan billi tirreferi għal **żewġ** novelli.

Ikteb x'għażilt: ___

Tmiem il-Karta